MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 3016/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Schembri u l-istess John Schembri**

**Vs**

**Vincent William Pollard**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm500.92c (hames mitt lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm425.92c (erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u disghin centezmu) lis-socjeta' assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm75.00c (hamsa u sebghin lira Maltin) lill-attur John Schembri rappresentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-

numru FAD 997 fit-23 ta’ Dicembru, 2001 gewwa l-Mosta habat mal-vettura numru HAP 381 propjeta’ ta’ John Schembri li kkaguna danni f’din l-istess vettura.

Dan l-incident huwa ghalih unikament responabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, komprisi dawk ta’ ittra ufficjali datata 15 ta’ Lulju, 2002 u tal-parir Lm15.00c (hmistax-il lira Maltin) kontra l-konvenut u ta’ ittra ufficjali ohra ppresentata kontestwalment ma’ l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------